MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1598/2003

**HSG Limited (C25739)**

**Vs**

**Abubaker Gamil**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu (Lm385.48c) rapprezentanti ammont imhallas debitament lill-konvenut mis-socjeta’ attrici.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba ta’ l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u l-ammont mitlub m’huwiex dovut u kontestwalment ipprezenta Kontro-Talba ghall-ammont ta’ sitt mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm691) li hu ghamel fuq struzzjonijiet ta’ l-istess socjeta’ u baqa’ ma thallasx u b’digriet tat-30 ta’ Marzu,

2004 il-Kontro-Talba giet awmentata ghal elf u disa' liri Maltin (Lm1,009) cjoe' l-imsemmija sitt mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm691) flimkien mas-somma ta' tlett mija u tmintax-il lira Maltin (Lm318) kwantu ghal sitt liri Maltin (Lm6) bilanc ta' *weekly allowance* u tlett mija u tnax-il lira Maltin (Lm312) rapprezentanti hlas ta' tmienja u ghoxrin (28) gurnata *vacation leave* li ma ttiehdux.

Illi l-attur ikkontesta illi l-Kontro-Talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta.

Sema' x-xhieda ta' Anne Camilleri, Fetiha Fifi, Martin Casha, Mamie Pace, Joseph Cremona, Dr Joseph Bonello u l-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha esebiti fl-atti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Massimo Vella ghas-socjeta' attrici u Dr Norma Vella ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut kien jahdem bhala *maintenance man* mas-socjeta' attrici li kienet topera fis-St George's Hotel izda f'Dicembru 2002 il-lukanda ghalqet ghal skopijiet ta' *refurbishment*. F'dak il-mument l-impjieg tal-konvenut gie mitmum.

L-atturi qieghdin isostnu illi qabel ma kien hareg ic-cheque tal-paga, l-konvenut kien talab xi pagament *on account* ta' din il-paga u fil-fatt is-socjeta' attrici tghid li vversatlu s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) u meta gie l-mument tal-paga harget il-paga shiha u gol-istess *envelope* tal-paga kien hemm flus kontanti addizzjonali biex b'hekk il-konvenut meta jircievi c-cheque jendorsjah u jirritornah lis-socjeta' attrici u jzomm il-flus kontanti.

Gara illi gew ikkonsenjati lill-konvenut kemm il-flus u kif ukoll ic-cheque izda l-konvenut irrifjuta li jaghti c-cheque u ghalhekk l-atturi pprezentaw il-kawza odjerna.

Il-konvenut da parti tieghu jsostni illi huwa ntitolat izomm ic-cheque u inoltre, jichad li huwa rcieva l-ammont akkont ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) qabel dakinhar li ha c-cheque. Huwa mbaghad izid jghid illi huwa ntitolat li jircievi hlas ta’ erba’ mija u disgha u hamsin lira Maltin (Lm459) rapprezentanti xoghol extra li huwa ghamel barra l-post tax-xoghol fuq struzzjonijiet tas-socjeta’ attrici kkalkolat b’rata ta’ lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1.25c) fis-siegha u inoltre, qieghed jitlob hlas ta’ tmienja u ghoxrin (28) gurnata *vacation leave*, sitt liri Maltin (Lm6) ghall- *weekly allowance* u hlas tal-*bonuses*.

It-Tribunal kellu l-opportunita’ li jisma’ x-xhieda kollha *viva voce* u ghalkemm il-konvenut talab li jipprezenta x-xhieda tieghu permezz ta’ Affidavit din it-talba giet skorragguta mill-istess Tribunal. It-Tribunal kif kompost jidhirlu li f’dawn il-proceduri x-xhieda ghandha tinstema’ *viva voce*. Il-ligi stess tesigi li l-procedura ghandha tkun sommarja u ghandha timxi bi speditezza. Apparti dan, f’dan il-kaz partikolari kien importanti ghal fini ta’ kredibbilta’ li x-xhieda kollha tinstema’ *viva voce* biex b’hekk it-Tribunal ikollu l-opportunita’ li jevalwa x-xhieda huwa stess fuq il-pedana.

F’din il-kawza hemm element ta’ kredibbilta’ partikolarment in vista tal-fatt li l-istess konvenut anki allega li wahda mix-xhieda cjoe’, Fetiha Fifi meta xehdet, xehdet ghax kienet giet imbezza’ minn rapprezentanti tas-socjeta’ attrici.

Illi b’dan kollu premess, it-Tribunal huwa sodisfatt, anzi m’ghandu l-ebda dubju, illi filwaqt li t-talba attrici ghandha tigi akkolta, l-Kontro-Talba tal-konvenut ghandha tigi michuda.

Ghar-rigward tat-talba attrici jirrizulta mill-provi kemm ta’ Anne Camilleri kif korroborata anki minn Fetiha Fifi illi kien hemm okkazjonijiet regolari fejn is-socjeta’ attrici kienet tghaddi pagamenti akkont tal-paga *in advance* fi flus kontanti. Dan anki gie korroborat minn Martin Casha.

Jirrizulta wkoll illi fil-kaz partikolari, f'Dicembru 2002 il-lukanda kienet gja' maghluqa w Anne Camilleri, direttrici tal-kumpanija, halliet cheque ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu (Lm385.48c) flimkien ma' ammont ta' flus kontanti ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) gewwa *envelope* miftuh biex jigi ghalih il-konvenut. Hija tat struzzjonijiet espliciti illi c-cheque kellu jigi endorsjat u mizmum minn Fetiha Fifi li mbaghad kellha tghaddih lil Anne Camilleri billi qabel dakinhar kienu ghaddewlu mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) fi flus kontanti bhala akkont tal-paga.

Gara li fil-fatt meta l-konvenut mar ghall-flus dakinhar stess, huwa rrifjuta li jaghti c-cheque lil Fetiha Fifi u dak il-hin stess cempel lil Anne Camilleri u qalilha li huwa sejjer ikellimha. It-Tribunal huwa sodisfatt ukoll illi fil-fatt il-konvenut zamm il-flus u c-cheque u ma marx ikellem lil Anne Camilleri u kien biss wara xi hmistax-il gurnata meta hija ltaqghet mieghu kumbinazzjoni u kellimha u qalilha li se jmur jaraha, imma fil-fatt baqa' ma marx.

Il-konvenut jghid illi fil-fatt dakinhar stess mar ikellimha izda f'dan ir-rigward it-Tribunal ma jidhirlux illi din l-affermazzjoni tieghu hija wahda verosimili u dan anki tenut il-fatt illi kif anki xehed Martin Casha, kieku kien hemm xi lmenti da parti tal-konvenut dwar il-metodu kif inhadmet il-paga tieghu, huma hallewha libera ghalih li jmur meta jrid il-kumpanija biex jispjegawlu l-*workings* izda kien il-konvenut stess li ma marx jaghmel dan.

Huwa rilevanti wkoll illi ghalkemm l-atturi ppressaw ghall-hlas ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu (Lm385.48c) u kienu huma li ntavolaw il-kawza odjerna, l-konvenut li, kif jidher mill-Kontro-Talba kien qed jaghmel talba ghall-ammont ta' kwazi t-triplu, qatt ma baghat ittri nterpellatorji, qatt ma gera wara flusu u l-pretenzjoni tieghu giet ventilata biss permezz ta' Kontro-Talba f'dawn il-proceduri.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu qal li gol-*envelope* kien hemm biss sbatax-il lira Maltin (Lm17) izda f'dan ir-rigward huwa gie kontradett kemm mix-xhieda ta' Anne

Camilleri kif ukoll mix-xhieda ta' Fetiha Fifi li ghalkemm ma ftakritx kemm kien hemm flus kontanti, kienet certa li kien hemm aktar minn mitt lira Maltin (Lm100). Dan ukoll jikkorrobora t-tezi ta' l-atturi u konsegwentement it-talba kif dedotta tirrizulta pruvata.

Ghar-rigward tal-Kontro-Talba din trid tigi konsiderata bicca bicca. Il-konvenut fil-Kontro-Talba tieghu talab li jithallas is-somma ta' sitt mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm691) ghal xoghol extra izda mbaghad meta xehed is-somma giet indikata fl-ammont ta' erba' mija u disgha u hamsin lira Maltin (Lm459). Huwa jghid illi din is-somma giet ikkalkolata bir-rata ta' lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1.25c) u li x-xoghol principalment sar is-Cynergi izda fix-xhieda tieghu beda anki jzid u jghid li kien hemm okkazjonijiet meta hadem bnadi ohra.

Ma ngabu ebda provi li l-konvenut hadem bnadi ohra hlief is-Cynergi. Ghar-rigward tas-Cynergi xehdet Mamie Pace li kkonfermat li hargu zewg invoices li komplessivament jammontaw ghal tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sittin centezmu (Lm388.60c) li huma kkalkolati bir-rata ta' zewg liri Maltin (Lm2) is-siegha u cjoe' ftit aktar minn mija w erbgha u disghin (194) siegha u Mamie Pace xehdet illi minn dan il-hin, bejn wiehed u iehor nofs kien mahdum mill-konvenut u ghalhekk skond din ix-xhieda ta' Mamie Pace, l-hin li seta' ghamel il-konvenut ghand is-Cynergi kien ekwivalenti ghal mitt (100) siegha u certament mhux in-numru ta' sighat li qieghed jippretendi l-konvenut.

Illi inoltre, t-Tribunal ma jidhirlux li ngabu provi sodisfacenti li l-hinijiet li ghamel il-konvenut jahdem ghand is-Cynergi kienu sighat barra l-hin normali tax-xoghol. Il-log li kien jinzamm da parti tas-socjeta' attrici vis-à-vis is-Cynergi kien mizmum purament sabiex ikunu l-konteggi bejn iz-zewg kumpaniji u mhux biex jigi komputat xi hlas extra li ghandu jircievi l-konvenut.

Illi inoltre, mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi meta l-konvenut hadem *overtime* huwa thallas ghalih.

Illi ghalhekk ghar-rigward ta' din il-partita, t-Tribunal jidhirlu illi m'hemmx provi sufficjenti u ghandha tigi michuda.

Inoltre, l-konvenut qieghed jikkontendi li l-impjieg tieghu ma ntemmx fl-20 ta' Dicembru izda ntemm fil-5 ta' Jannar. F'dan ir-rigward huwa jaghmel referenza ghad-dokument FS3 izda dan id-dokument jaghti *record* ta' l-impjieg ta' l-individwu matul is-sena kollha u l-5 ta' Jannar hija l-ahhar gurnata relattiva ghall-FS3 ta' dik is-sena u fil-fatt hemm indikat illi l-ahhar zewg gimaghtejn ta' l-FS3 huma gimaghtejn li ma thallsitx paga u dan ovvjament ghaliex f'dawk il-gimaghtejn il-konvenut ma kienx impjegat ma' din is-socjeta'. Jirrizulta wkoll minn dokumenti ohra li l-impjieg tal-konvenut gie mitmum fl-20 ta' Dicembru u dan anki kemm mill-payslips u kif ukoll mid-dokumenti li jintbaghtu lill-Awtoritajiet kompetenti dwar it-temm ta' mpjieg. Illi ghalhekk it-talba tal-konvenut relattivi ghall-paga mill-20 ta' Dicembru, 2002 sal-5 ta' Jannar, 2003 hija nfondata kemm fir-rigward tal-paga u kif ukoll tal-*bonuses* u *allowances* relattivi.

Il-konvenut qieghed isostni illi kellu jithallas ukoll ta' tmienja u ghoxrin (28) gurnata *vacation leave* izda mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi fil-fatt matul dik is-sena l-konvenut kien ha sbatax-il (17) gurnata *vacation leave* u fil-fatt kien ghad fadallu jiehu ghaxart ijiem (10) *vacation leave* li thallsu mal-paga tal-20 ta' Dicembru, 2002. Huwa kien haqqu sebgha u ghoxrin (27) gurnata u mhux tmienja u ghoxrin (28) gurnata billi ma kienx hadem sena shiha izda l-impjieg tieghu ntemm fl-20 ta' Dicembru u mhux fil-31 ta' Dicembru.

Ghar-rigward tal-*bonuses* u *weekly allowances*, dawn jirrizultaw li thallsu mid-dokumenti esebiti minn Martin Casha fl-ahhar seduta u konsegwentement it-talba tal-konvenut f'dan ir-rigward ukoll hija michuda.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut anki semma' illi rcieva kont tat-taxxa ammontanti ghal mitejn u tmienja u disghin lira Maltin (Lm298) u allega illi fil-fatt din is-somma giet mizmuma mill-paga tieghu izda fil-fatt it-taxxa mizmuma

mill-paga tieghu kienet ta’ mija u tmienja w erbghin lira Maltin (Lm148) u din jirrizulta li thallset mis-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta u jichad il-Kontro-Talba tal-konvenut bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------